StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

| **LIVELLI** |
|---|
| **5 – 6 – 7 – 8** |

**IT-TIENI SENA** **IR-RELIĠJON** **IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem u l-Kunjom: ______________________ Il-Klassi: ___________**

**TAQSIMA A – IŻ-ŻERRIEGĦA LI TAGĦTI L-FROTT** **(25 marka)**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** *(5 marki)*

1. Ġesù qal: "Jekk (il-ħabba tal-qamħ, iż-żerriegħa tal-mustarda, il-ħmira tal-ħobż) ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' waħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott." (Ġw 12, 24)

2. L-ewwel sagrament li aħna l-Insara nirċievu biex nidħlu fil-komunità ta' Ġesù huwa (l-Magħmudija, l-Ewwel Tqarbina, l-Griżma tal-Isqof).

3. Fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, il-Magħmudija kienu jirċevuha dawk li kienu jissejħu (katekisti, katekumeni, konfessuri).

4. Wara li Ġesù tgħammed, is-smewwiet infetħu u l-Ispirtu t'Alla niżel fuqu f'forma ta' (serp, ajkla, ħamiema).

5. Iż-żejt użat waqt is-sagramenti jiġi kkonsagrat (f'Ħamis ix-Xirka, fil-Ġimgħa l-Kbira, fl-Għid il-Kbir).

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra tal-kelma qed tingħata.** *(10 marki)*

6. L-Insara tal-bidu kienu jirċievu l-Magħmudija tagħhom fil-**b**_______________. Dan kien ikun f'forma ta' **s**______________ bit-taraġ fuq kull naħa u mimli bl-ilma.

7. Fis-sagrament tal-Magħmudija, il-missier tat-tarbija jixgħel ix-xemgħa mill-**B**_______________. Dan jirrappreżenta lil Ġesù ħaj.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

8. Il-**p**_______________ huma dawk li flimkien mal-ġenituri se jgħinu lil dak li jitgħammed biex jikber fil-fidi Nisranija.



9. Fil-Magħmudija aħna nsiru wlied **A**________________.

**Wieġeb fil-qosor.**

10. L-Appostli meta rċevew fuqhom l-Ispirtu s-Santu?

_______________________________________________ *(marka)*

11. Xi tfisser il-kelma ***Griżma***?

_______________________________________________ *(2 marki)*

12. Għaliex aħna nirċievu l-Griżma tal-Isqof?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*

13. **F'madwar erbgħin (40) kelma**, spjega kif is-sagramenti tal-Magħmudija u tal-Griżma tal-Isqof ser jgħinuk fil-mod kif inti ser tgħix ħajtek.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ *(5 marki)*



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**TAQSIMA B – NINŻLU FIL-FOND** **(15-il marka)**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** *(3 marki)*

1. Lil Alla rridu nagħrfuh (bil-fidi biss, bir-raġuni biss, bil-fidi u r-raġuni).

2. Biex nimxu fuq il-passi ta' Ġesù u nkunu vera dixxipli tiegħu, irridu nkunu (individwalisti, egoisti, altruwisti) u naqsmu dak li għandna ma' ħaddieħor.

3. (Il-Pentatewku, Il-Kotba tal-Għerf, Il-Kotba tal-Profeti ż-Żgħar) huma kotba li mhux neċessarjament jitkellmu fuq Alla jew dwar il-fidi, imma jirriflettu l-għerf ibbażat fuq ir-raġuni tal-bniedem.

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra tal-kelma qed tingħata.** *(6 marki)*

4. Meta nħaddnu l-valuri Nsara, aħna nkunu nixbhu iktar lil **Ġ**_______________.

5. Santu **W**_______________ ta' Ippona stqarr li qalbna hi maħluqa għall-Mulej u ma tistrieħx jekk mhux fih.

6. Il-Ktieb tas-Salmi kien il-ktieb uffiċjali tal-**k**_______________ tal-Lhud.

**Wieġeb fil-qosor.**

7. Semmi **żewġ** okkażjonijiet li fihom il-poplu Lhudi kien juża l-Ktieb tas-Salmi.

   a. ____________________________________________ *(marka)*

   b. ____________________________________________ *(marka)*

8. Semmi **tliet** strumenti li l-poplu Lhudi kien juża waqt il-kant tas-salmi.

   a. ____________________________________________ *(marka)*

   b. ____________________________________________ *(marka)*

   c. ____________________________________________ *(marka)*

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

9. F'liema parti tal-quddiesa llum il-ġurnata aħna naqraw silta mill-Ktieb tas-Salmi?

_______________________________________________ *(marka)*

**TAQSIMA C – MATUL IL-MIXJA TA' ĦAJJITNA** **(15-il marka)**

**Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B.** *(10 marki)*

*L-ewwel waħda hija eżempju.*

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Xi tfisser il-kelma '*theos*'? | | Muħammed |
| 2. | Dan kien jgħallem bil-parabboli. | **1** | Alla |
| 3. | Il-post fejn imorru jitolbu l-Lhud. | | It-Torah |
| 4. | Il-fundatur tar-reliġjon Iżlamika. | | Il-Qu'ran |
| 5. | Il-ktieb qaddis tal-Musulmani. | | Il-Vatikan |
| 6. | Il-kotba mqaddsa tal-Lhud. | | L-Għid il-Kbir |
| 7. | L-aktar festa famuża għall-poplu Lhudi. | | Ir-Ramadan |
| 8. | Il-Lhud, il-Kattoliċi u l-Musulmani jqisu lil dan bħala l-missier tagħhom. | | Is-Sinagoga |
| 9. | F'dan iż-żmien, il-Musulmani jsumu. | | L-Għid |
| 10. | L-ikbar festa għall-Insara. | | Abraham |
| 11. | Il-post fejn jgħix il-kap tal-Knisja Kattolika. | | Ġesù |







www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

1. **F'madwar erbgħin (40) kelma**, ikteb dwar il-kwalitajiet sbieħ li kellu Ġesù.

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________ *(5 marki)*

**TAQSIMA D – GAMBETTI U TFIXKIL** **(15-il marka)**

**Aqra s-silta u wara wieġeb fil-qosor.**

Imbagħad l-Ispirtu ħa lil Ġesù fid-deżert biex ix-Xitan iġarrbu. U Ġesù baqa' sajjem għal erbgħin jum u erbgħin lejl, u fl-aħħar ħadu l-ġuħ. U resaq it-tentatur u qallu: "Jekk inti Bin Alla, ordna li dan il-ġebel isir ħobż." Iżda Ġesù wieġbu: "Hemm miktub li 'Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla.' " *(Mt 4, 1-4)*



1. Agħti titlu xieraq lil din il-ġrajja.

________________________________________________________ *(marka)*

2. F'liema ktieb bibliku nsibu din il-ġrajja?

________________________________________________________ *(marka)*

3. Għal kemm-il darba Ġesù ġie ttentat fid-deżert?

________________________________________________________ *(marka)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Fis-silta tissemma waħda mit-tentazzjonijiet li kellu Ġesù meta kien fid-deżert. Semmi tentazzjoni oħra li għamillu x-xitan f'din il-ġrajja.

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ *(2 marki)*

5. X'ried jgħallimna Ġesù minn din il-ġrajja?

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ *(2 marki)*

6. Bħal Ġesù, aħna wkoll ikollna diversi tentazzjonijiet f'ħajjitna. Kif negħlbuhom?

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ *(2 marki)*

7. F'liema talba nitolbu lil Alla biex jgħinna ma naqgħux fit-tentazzjoni?

________________________________________________________________ *(marka)*

8. **F'madwar erbgħin (40) kelma**, ikteb dwar żewġ tentazzjonijiet li inti tista' tiltaqa' magħhom u għid kif, bħala Nisrani/ja, għandek iġġib ruħek quddiem dan it-tfixkil.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

________________________________________________________________ *(5 marki)*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**TAQSIMA E - PERSONAĠĠI BIBLIĊI** **(10 marki)**

**Għid min hu l-personaġġ.**

*L-ewwel waħda hija eżempju.*

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Dan kien wieħed minn fost il-grupp tal-Fariżej li, iżda, kien iħobb lil Ġesù. Lil dan il-personaġġ, Ġesù qallu: "... jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-Saltna t'Alla." | **<u>Nikodemu</u>** |
| 2. | F'waħda mill-parabboli tiegħu, Ġesù qal li dan il-personaġġ talab lil missieru biex jagħtih sehmu li jmissu mill-ġid u wara telaq mid-dar u berbaq kollox. | ________________ |
| 3. | Bis-saħħa ta' Alla, dan il-personaġġ ta l-ħelsien lill-poplu Lhudi minn idejn il-Fargħun Eġizzjan. | ________________ |
| 4. | Għammed lil Ġesù fix-Xmara Ġordan. | ________________ |
| 5. | Din kienet saret sultana tal-Persja. Lil Alla qatt ma warrbitu minn ħajjitha u b'kuraġġ kbir irnexxielha tikkonvinċi lis-sultan biex ma joqtolx lil-Lhud. | ________________ |
| 6. | Dan kien sar wieħed mill-profeti t'Alla. Meta sejjaħlu, lil Alla wieġbu: "Tkellem Mulej, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'." | ________________ |

**TAQSIMA F - ALLA KIF IKELLIMNA?** **(10 marki)**

**Wieġeb fil-qosor.**

1. Kif nistgħu nikkomunikaw ma' Alla?

_________________________________________________________ *(marka)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Semmi **żewġ** persuni li studjajt dwarhom din is-sena li ddedikaw ħajjithom kollha għall-imħabba ta' Alla.

   a. ______________________________ *(marka)*

   b. ______________________________ *(marka)*

3. Alla jkellimna b'diversi modi. Semmi mod li bih Alla jwasslilna l-messaġġ tiegħu.

   ______________________________

   ______________________________ *(2 marki)*

4. **F'madwar erbgħin (40) kelma**, ikteb dwar il-modi differenti ta' talb li bih in-Nisrani jista' jikkomunika ma' Alla.

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________ *(5 marki)*





www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## TAQSIMA G – SALIB IT-TOROQ (10 marki)

**1. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mil-lista t'hawn taħt.** *(5 marki)*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| id-dinjità | il-libertà | il-virtujiet | vizzji | prinċipji |

Il-bniedem dejjem irid joqgħod attent li ma jdaħħalx f'ħajtu drawwiet ħżiena. Dawn id-drawwiet li nsejħulhom ________________ jnaqqsulna ________________ li Alla tana bħala wieħed mill-ikbar rigali għalina. Mill-banda l-oħra, ________________ kapaċi joħorġu s-sabiħ li hemm ġo fina. San Tumas t'Akwinu jitkellem ħafna fuq kif il-bniedem għandu jibni l-pedament tal-umanità tiegħu fuq ________________ li jagħmluh tassew bniedem sħiħ li kapaċi jirrispetta ________________ tiegħu u tal-oħrajn.

**2. F'madwar erbgħin (40) kelma**, ikteb dwar: *(5 marki)*

(a) il-vizzji li jbiegħdu lin-Nisrani minn Alla.

**JEW**

(b) il-virtujiet umani li jressquna lejn Alla.

(Immarka b'ċirku **a** jew **b**, skont liema suġġett se tikteb dwaru)

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

**TMIEM IL-KARTA**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers